*Irkejjen Storiċi*

# Fdalijiet preistoriċi żgħar: Dolmen

minn Vincent Zammit

Fil-preistorja ta' Malta niltaqgħu ma' ħafna affarijiet li wieħed forsi jinsa jsemmihom minħabba t-tempji l-kbar li għandna madwarna. Hu minnu li wieħed ma jistax jitkellem dwar il-preistorja Maltija u jħalli barra t-tempji majestużi bħal ngħidu aħna l-Ġgantija, Ħaġar Qim, Mnajdra u Tarxien, apparti l-oħrajn li għandna mxerrdin ma' kullimkien. Iżda flimkien ma' dawn il-fdalijiet hemm oħrajn ukoll, fdalijiet li għalkemm m'humiex ta' l-istess kobor ta' dawn it-tempji, xorta waħda għandhom l-interess partikulari tagħhom. Fost il-fdalijiet li nsibu hemm dawk li huma magħrufa bħala dolmen.



*Waħda mid-Dolmen magħrufa bħala Ta' Fuq Wied Filep, il-Mosta*

### Tifsira tal-kelma

L-ewwelnett tajjeb li ngħidu li llum il-ġurnata arkeoloġi jippruvaw jużaw kliem li jispjega l-fdalijiet aħjar milli kienu jagħmlu arkeoloġi ta' qabilhom. Għalhekk il-kelma dolmen illum il-ġurnata tipprova tintuża mill-anqas. Oriġinarjament jidher li kienet qiegħda tirreferi għal fdalijiet li kienu simili għal oqbra msaqqfa. Hu maħsub li din il-kelma ġejja mill-Franċiż antik, jew inkella biex forsi nkunu kemmxejn aktar preċiżi minn dak ir-reġjun Franċiż li hu magħruf bħala Bretagne.

Il-kelma tfisser *tol* li bil-lingwa oriġinali tfisser mejda, filwaqt li *men* tfisser ġebla, jiġifieri mejda tal-ġebel. U jekk wieħed jagħti kas sew ta' dawn il-fdalijiet, allura malajr naraw kemm verament toqgħod din id-deskrizzjoni.

### Uħud mill-fdalijiet f'Malta

M'aħniex sejrin insemmu d-diversi fdalijiet ta' dawn id-dolmens li niltaqgħu magħhom fil-gżejjer Maltin. Iżda forsi jkun interessanti li nsemmu l-aktar li jispikkaw, u forsi l-aktar li huma aċċessibbli għall-viżitaturi.

Meta wieħed jitkellem dwar dawn il-fdalijiet hemm bżonn li jagħti spjegazzjoni ta' kif inhuma minħabba l-fatt li mhux kollha huma l-istess. Niltaqgħu ma' dawk id-dolmens li huma magħmula minn ġebla mdaqqsa, ħoxna mhux ħażin, u mbagħad tkun maqtugħa minn ma' l-art billi jkun hemm numru ta' ġebel żgħar taħtha. B'hekk tiġi furmata bħal mejda. Jiddependi wkoll kif ikunu mpoġġija l-ġebel, minħabba li jekk il-ġebel iż-żgħar ikunu mpoġġija fuq il-ġenb, allura l-ġebla l-kbira ma tantx sejra togħla minn ma' l-art.

Eżempju ċar hu tażżewġ dolmens li nsibu fil-limiti tal-Mosta. Magħrufa bħala d-dolmens ta' Fuq Wied Filep, dawn jinsabu fuq il-lemin tat-triq meta tkun sejjer min-naħa tal-Mosta, fit-triq li tħares fuq Wied il-Għasel, lejn San Pawl tat-Tarġa. Hekk kif jispiċċa l-bini l-ġdid, hemm bħal speċi ta' ħajt tas-sejjieħ, baxx ħafna, li juri fejn hemm dawn il-fdalijiet preistoriċi.

Waħda minnhom hi maqtugħa minn ma' l-art minn fuq tliet naħat, iżda r-raba' naħa hi 'miftuħa. Hi maqtugħa minn ma' l-art b'madwar metru u nofs. Id-dolmen l-oħra hi differenti ħafna. Minħabba li din tidher li kienet maqtugħa il-post, intuża l-istess ċint naturali li kien hemm, u għalhekk tinsab maqtugħa minn ma' l-art għal ftit ċentimetri biss. M'hemm l-ebda partijiet minn dawn il-ġebel li jidhru li huma maħduma, iżda jidher ħafna kemm tħallew fl-istat oriġinali tagħhom. Sir Temi Zammit jaħseb li kien hemm dolmen oħra fil-viċin tagħhom.

Tajjeb ngħidu li hawnhekk, eżattament l-għolja ta' Santa Margerita u l-inħawi, hi mimlija fdalijiet arkeoloġiċi. Niltaqgħu ma' diversi tipi ta' oqbra ta' żmien il-Kartaġiniżi u r-Rumani, kif ukoll naraw barrieri ta' żmien ir-Rumani u anki raddi, barra dawn id-dolmens. Jiġifieri wieħed jaħseb li hawnhekk kien hawn villaġġ attiv mhux ħażin matul iż-żminijiet.

Lokalità oħra ta' interess partikulari hi dik li nsibu fuq l-għolja ta' Ċenċ f'Għawdex. Hemmhekk nafu wkoll li hemm diversi fdalijiet arkeoloġiċi, u fost dawn hemm dik li hi magħrufa bħala id-Dura tax-Xagħra l-Kbira. Din id-dolmen hi simili ħafna għal dawk li nsibu madwar il-gżejjer Maltin, fejn naraw ġebla mdaqqsa mistrieħa fuq żewġ naħat minn ġebel iżgħar, iżda l-parti ta' wara hi mżerżqa għal fuq l-art stess. Ta' interess partikulari huma d-diversi ġebel li hemm madwar dan id-dolmen. Meta Dr. Trump, arkeologu Ingliż li ħadem ħafna dwar il-preistorja Maltija, għamel studju ta' l-inħawi, wasal għall-konklużjoni li hawnhekk seta' kien hawn bħal passaġġ imsaqqaf li kien iwassal għal qabar fl-istess dolmen.

### L-użu tad-dolmen

Ikollna nitkellmu ftit dwar l-istess użu taddolmens. Għalfejn kienu jintużaw, u fuq kollox ma' liema perijodu nassoċjawhom? L-użu tagħhom jidher li kien bħala qabar. Naslu għal din il-konklużjoni minħabba l-fatt li meta wieħed joqgħod iqabbel id-diversi dolmen li hawn madwar il-Mediterran naraw li hemm xebħ fid-disinn kif ukoll fl-użu. F'dawk ta' Malta prattikament dejjem sibniehom mingħajr fdalijiet, u għalhekk hu kemmxejn diffiċli li naslu għall-konklużjoni definittiva.

Imbagħad hemm ukoll il-problema l-oħra taddatazzjoni tagħhom. Jekk ngħidu li huma preistoriċi, allura nkunu qegħdin neħilsu mill-problema, minħabba l-fatt li dan il-perijodu jkopri ż-żmien minn 5,200 sena qabel Kristu sa madwar is-750 sena qabel Kristu.

Minn xebħ li sar ma' ta' oħrajn, kif ukoll mill-ftit fuħħar li nstab assoċjat magħhom, hu maħsub li dawn imorru lura għal perijodu li jkopri ż-żmien bejn 2,500 sena Qabel Kristu sa' 1500 sena Qabel Kristu.

Fl-istess ħin b'daqshekk għad m'hemm xejn definittiv. Għax għalfejn dan il-kobor kollu ta' qabar, biex imbagħad ma niltaqgħux ma' għadam tan-nies? Fost il-ħafna teoriji li hemm insibu dik li tgħid li dawn kienu oqbra għal ftit nies biss, bħal ngħidu aħna kapijiet ta' tribujiet, jew inkella xi eroj. Minħabba f'hekk l-istess għadam tant ikun ftit li malajr jispiċċa fixxejn u mferrex mal-ħamrija.

Minn studji li saru hu maħsub li dawn il-fdalijiet Maltin huma ħafna simili għal dawk li nsibu lejn innaħa t'isfel ta' l-Italja, eżattament fil-Pulja.

Hemmhekk għandna xebħ kemm ma' dawn il-fdalijiet kif ukoll ma' fdalijiet oħra li huma magħrufa bħala menħir, li aktarx huma ta' l-istess perijodu.

Sempliċi kemm huma sempliċi, u forsi m'humiex ta' l-istess daqs u kobor bħat-tempji l-oħra li aħna mdorrijin naraw, xorta waħda dawn il-fdalijiet għandna nieħdu ħsiebhom minħabba li huma parti mill-wirt kulturali tagħna lkoll.



*Dolmen oħra ta' Fuq Wied Filep, fil-Mosta*